**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anne Marie Micallef]**

**vs**

**Dustin Bugeja**

**Kumpilazzjoni Numru: 655/11**

**Illum, 5 ta' Ottubru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Dustin Bugeja detentur tal-karta tal-identita` numru 143392(M).

Akkuzat talli nhar it-22 ta' Mejju 2011, ghall-habta tas-sitta ta' filghodu gewwa Triq ic-Cirku tal-Imsida, Msida:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobli jew immobli, u cioe` vettura numru HBH 713 tal-ghamla Volkswagen ghad-dannu ta' Roger Sciberras u/jew persuni ohra, liema hsara teccedi l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);
2. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esternu u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, u cioe` ittanta li jikkometti ferita gravi fuq il-persuni ta' Roger Sciberras, Marlon Zarb u Isaura Magri, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
3. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe` lil Roger Sciberras, Marlon Zarb u

Isaura Magri biza' li ser issir vjolenza fuq persunithom jew il-propjeta` taghhom;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura numru HBB 391 tal-ghamla Mitsubishi Pajero b'mod perikoluz, traskurat u negligenti;
5. Saq vettura tal-ghamla Mitsubsihi Pajero bin-numru tar-registrazzjoni HBB 391, minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Transport ta' Malta jew minghajr licenzja specifikata, u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta` dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-Artikoli tal-Avukat Generali datati hmistax (15) ta' Marzu elfejn u tnax (2012);

Semghet l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Illi din il-kawza titratta fuq allegat aggressjoni minn naha tal-imputat Dustin Bugejn li skont it-tliet (3) parte civile, l-imputat kien qed jigri warajhom bil-karrozza tieghu u fil-mument li dawn waqfu bil-karrozza, huwa allegatament dahal bil-karrozza tieghu fil-karrozza taghhom bil-konsegwenza li din garrbet diversi hsarat.

**XHIEDA**

Semghet ix-xhieda ta' **PS 778 David Sant** illi kien l-ufficjal tal-pulizija li ha r-rapport tat-tliet (3) vittmi fejn inizjalment fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju elfejn u hdax (2011) fis-sitta ta' filghodu, dahal Marlon Zarb li rraporta li l-imputat Dustin Bugeja kien ghadu kif dahal fil-karrozza tieghi u cioe` b'Pajero. Skont il-verzjoni ta' Marlon, dan l-imputat ipprova joqtlu. Mieghu kien hemm certa Isaura Magri u Roger Sciberras li kollha taw l-istess verzjoni tal-fatti fuq dak li ghamel Dustin Bugeja.

Ix-xhud jghid illi baghat ghall-imputat u wiehed wiehed il-parte civile ikkonfermaw li dak li pprova jidhol go fihom kien fil-fatt Dustin Bugeja.

Xehed ukoll **PC 422 Godwin Caruana** li  xehed li dak innhar tal-allegat reat kien fl-ghassa tal-Imsida fejn ipparkjata barra kien hemm Passat blu bin-numru ta' registrazzjoni HBH 713 li kellha hsarat konsiderevoli kemm fuq in-naha tal-genb tax-xufier kif ukoll fuq il-genb tan-naha tal-passiggier. Fil-ghassa kien hemm it-tliet (3) persuni li ghamlu r-rapport u stqarrew li dik il-Passat kienet taghhom u li kien ghadu kif dahal fihom certu Dustin Bugeja. Huma qalu li Marlon kien hareg minn gol-karrozza sabiex ikellem lil Dustin izda dan saq ghal fuq Marlon. Marlon qal ukoll illi dak il-hin Dustin kien suppost ikun id-dar ghaliex huwa kien fuq 'bail' u ma setax ikun barra.

Ix-xhud ikkonferma illi it-tliet (3) persuni gharfu personalment lil Dustin Bugeja bhala dik il-persuna li kienet qed issuq il-Pajero hamra u li dahlet fihom.

Xehed **PS 440** li xehed li l-'bail conditions' ta' Dustin Bugeja ma kienux jippermettuh li johrog qabel is-7.30 a.m. u meta marru jfittxuh, huma sabuh id-dar tieghu fejn ommu qaltilhom li dan kien rieqed u wara li liebes hu mar l-ghassa maghhom.

**PS 856 Conrad Falzon** xehed bil-gurament illi huwa sab il-Pajero l-hamra HBB 391 fejn instabet il-Birgu u li din kellha xi hsarat konsistenti f'xi daqqiet zghar fuq quddiem tal-'bumper' in-naha tan-'number plate' u quddiem fil-'bumper' ta' quddiem.

Xehed wiehed mill-parte civile **Marlon Zarb** li spjega kif dakinnhar tal-allegat reat kien Paceville flimkien ma shabu l-ohra u meta kienu biswit ir-'roundabout' tal-Imsida sabiex iwaqqaf lil Isaura Magri gie xi hadd u dahal fihom. Huma immedjatament marru l-ghassa tal-Imsida biex jaghmlu rapport. Fix-xhieda tieghu Zarb qal li ma jistax jasal ghall-imputat ghaliex il-hgieg kienu 'tinted' u ghalhekk ma setghux jaraw min kien qed isuq il-karrozza. Anke a rigward il-karrozza huwa jghid li ma kienx jaf ezatt x'kienet, jghid li kienet xi tip ta' van bhal Isuzu jew Pajero.

Ix-xhud fil-fatt gharaf lill-imputat izda beda jghid illi ma jistax jghid illi kien hu dakinnhar u li forsi semmew isem l-imputat ghaliex seta' kien hu mhux ghax

rawh personalment. Fuq il-kundizzjonijiet tal-‘bail’ Marlon cahad ukoll illi kien jaf dawn il-kundizzjonijiet tal-imputat.

Ix-xhud cahad ukoll illi meta din il-vettura hamra dahlet go fihom u nizel mill-vettura li kien fiha, mhux veru illi qal lis-sewwieq il-klien *“Gralek xi haga”* u nnega wkoll li dan kien ser jiqba’ diehel go fih izda qal illi baqa’ sejjer l’hemm.

Sar ukoll konfront mas-surgent li rega’ tenna li Marlon kien cert meta gharaf lill-imputat u li kien qallu dawk il-kliem, izda Marlon baqa’ jinnega kollox.

Xehdet il-parte civile ohra **Isaura Magri** fi kliema qalet hekk ***“Ma nafx ezatt ghax kont ghadni niezla minn Paceville jiena. U naraw van diehel go fina. Pero’ min kien qieghed isuq m’gharaftux. . . . Pero’ dan il-van ma nafx x’tipo hu u min kien isuq ma nafx min hu.”*** Din ukoll l-anqas ftakret x’kulur x’kienet din il-karrozza li dahlet go fihom.

Skont hi, meta is-surgent ghajtilhom peress li kien hemm l-imputat gewwa l-ghassa, huwa staqsihom jekk kienux jafuh u huma ovvjament qalu li kienu jafuh u li kien Dustin Bugeja.

Xehed ukoll **Roger Sciberras** li kien qed isuq il-Passat u li dan ukoll qall li ma jiftakarx il-mudell izda zgur li kien van jew Pajero hamra. Huwa jghid illi m’gharafx lil min kien qed isuq dan il-van u l-isem l-imputat hareg mhux minnu izda minn xi nies li kienu l-ghassa dakinnhar.

Xehed rapprezentant tat-Transport Malta **Stephen Cachia** illi kkonferma li l-karrozza Mitsubishi Pajeor hamra HBB 391 kienet registrata f'isem Joseph Mallia fid-data tal-allegat reat u il-Volkswagen Passat ta' kulur blu HBH 713 kienet registrata fuq Gordon Camilleri.

Xehdet l**-Ispettur Anne Marie Micallef** li spjegat l-investigazzjonijiet li ghamlet u l-fatt li kien hemm xi proceduri ohra qabel fejn il-parte civile kienu rritrattaw kontra l-imputat. Hija qalet li dak innhar tal-allegat reat, il-parte civile kienu espressament semmew lill-imputat Dustin Bugeja li kien hu li kien qed isuq il-Pajero u li fil-fatt meta staqsiet lil Marlon kif kien jaf, hu kien qalilha ghaliex il-hgieg kienu mnizzla. Xehdet ukoll illi meta l-imputat kien qallilhom fuq il-karrozza huwa qal illi din kienet qed tqattar iz-zejt izda meta marru jigbruha ma kien hemm l-ebda zejt iqattar minn tahtha.

Rega' xehed **Marlon Zarb** li meta gie mistoqsi rigward il-karrozza Passat u jekk ghandux stima tal-hsarat, huwa xehed li ma kienx gabha u li kien ghadu ma rrangahiex.

Rat ir-rapport tal-espert imqabbad mill-Qorti Dr. Martin Bajada a fol 110 tal-process fejn hemm hareg il-'log calls' u traskrizzjoni tal-konverzazzjoni telefonika bejn l-Ispettur Anne Marie Micallef u Marlon Zarb fuq il-kwistjoni ta' min dahal go fihom dak in-nhar tal-allegat reat. Intqal hekk:

*M.... Hello*
*F... Marlon*

*M...Min inti*
*F...L-ispettur*
*M...Hawn spett ghidli*
*F...Ismani ghax dan qieghed jghid li mhux hu kien*
*M...X'xhinu*
*F...Inti kif inti cert li kien dan Dastin?*
*M...Minn hi*
*F...Dastin kif inti cert li kien mija fil-mija hu?*
*M...Tlieta min nies qalbi dahhalni s-surgent... (diskors mhux car)...diga ghamila darba ohra din l-affari.*
*F...Ghalhekk qed nghidlek*
*M...Diga ghamila darba ohra din l-affari, u s-surgent... (diskors mhux car)... qalli mhux tghidli li hu imma li ga ghamila darba ohra... (diskors mhux car)...*
*F...Ghalhekk qed nghidlek*
*M...Dahhalna tliet minn nies... (diskors mhux car)... u jiena kont inkun mieghu dak*
*F...Inti kont tkun mieghu*
*M...Iva... (diskors mhux car)... Iggielidna... (diskors mhux car).... fuq il-biebin*
*F... U saq fuqek bil-karozza habba din l-argument li kellhom*
*M...Ma nafx huwa kellu, xi hadd kellu argument mieghu*
*F...Iwa, imma ghalfejn tahseb saq ghal fuq il-karozza*
*M... ....(diskors mhux car)...*
*F...Iwa tkellem bil-mod ghax ma nifhem xejn*
*M...Ghidtlek jiena qalli... (diskors mhux car)... fuq il-biebin tal-karozza u kif... (diskors mhux car)... tah daqqa ohra fuq quddiem u mbaghad*
*F...Wahdu kien Dastin*
*M...X'inu? Iva wahdu kien u mbaghad saqna warajh u Dastin beda jghidilhom, il-Pajero ma nafx fejn hu... hbew il-Pajero... (diskors mhux car)...*
*F...Iwa ismani Marlon jien qed insaqsi lilek biex mhux nitilaw il-Qorti u jirrizulta li ma kienx hu*
*M...Le, ghamili xi hames telef hsara u kien sejjer jwegga tlieta minn nies*
*F...Imma kif, hemm xi haga li taghrfu li huwa hu mija fil-mija.*
*M...Mela ghandu tpingija fuq ghonqu*
*F...Imma kollha ghandhom tpingija fuq ghonqhom hutu*
*M...Iwa huwa ohxon, hu biss hemm. Kont inkun mieghu jiena... (diskors mhux car)... Dastin Bugeja mill-ewwel, qed tifhem*
*F...U fuq xix kien l-argument taghkom?*
*M...Ma nafx hi ma nafx... (diskors mhux car)... mara ohra*
*F...L-ohrajn jarfuh?*
*M...Iwa jarfuh, wahda kienet tohrog mieghu*
*F...Il ta' ... (diskors mhux car)...?*
*M...Iwa dik kienet tohrog mieghu... (diskors mhux car)... habba fiha habba hekk ma nafx... (diskors mhux car)... qieghed tifhimni*
*F...Imma jiena dan l-affarijiet ma nkunx nafhom*

*M...U kien hemm mara ohra kienet fil-Pajero, kienet tiela mieghu lehqet ma telatx, Gloriann Abdilla*
*F...X isimha*
*M...Glorian... X'kunjoma dik?... Abdilla*
*F...Issa jiena fejn ha nsiba lill-Glorian Abdilla?*
*M... ...(diskors mhux car)... qed tifhem. Kien Paceville ukoll*
*F...Huwa kien Paceville?*
*M...Hekk nahseb ghax nizel minn hemm*
*F...Ismani*
*M... ...(diskors mhux car)... breathalyser*

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **Dustin Bugeja** li kkonferma l-istqarrija tieghu fit-totalita' taghha u in kontro-ezami hareg illi huwa kien johrog ma' Isaura Magri u li r-relazzjoni ta' bejniethom ma kienitx wahda felici qabel ma sar l-allegat reat. Huwa jghid illi din mhix l-ewwel darba li ghamluwielu ghax forsi hi riedet tpattijielu ghaliex kien qed jara tfajla ohra. Fuq dakinhar tal-allegat reat hu jghid illi l-gurnata ta' qabel huwa qam u filghodu mar il-Marsa ma' missieru. Ghal habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar mar jiffirma l-ghassa u mbaghad rega' lura lejn id-dar u qaghad ma huh Joseph. Wara jghid li tela' fuq jilghab il-'playstation' ma' huh Emerson, imbaghad ha Valium u mar jorqod sa filghodu meta giet ommu tqajjmu ghaliex kienu gew il-pulizija.

L-imputat finalment jikkonkludi illi minn dakinhar tal-allegat reat ' il hawn hu kellu zewgt it-tfal minghand Isaura u issa kienu qed jistennew tarbija ohra.

**KOSTATAZZJONIJIET**

Illi dan huwa kaz partikolari hafna fejn il-proceduri inbdew permezz ta' rapport ta' tliet (3) persuni fejn dawn identifikaw l-aggressur bhala l-imputat Dustin Bugeja imbaghad wara, meta gew biex jixhdu bil-gurament quddiem il-Qorti huma biddlu l-verzjoni u qalu illi ma jiftakrux min kien l-aggressur.

Illi l-ewwel akkuza u cioe` dik li l-imputat ikkaguna hsara volontarja fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBH 713 ma giet bl-ebda mod ippruvata u dan ghaliex ma ngabet l-ebda prova ta' din il-hsara. Meta gie biex jixhed Marlon Zarb it-tieni (2) darba, huwa jghid illi din il-karrozza kienet ghand il-mekkanik u li ghadha ma ssewwietx u li ma kienx gab stima tal-hsara.

Illi a rigward l-akkuzi l-ohra, kollox jorbot jekk ghandiex titwemmen l-ewwel (1) verzjoni tal-parte civile jew it-tieni (2) verzjoni taghha u cioe` li l-imputat ma kienx identifikat.

Illi l-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

> ***"L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibilita' tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda tieghu, u***

***jekk is-shieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz".***

L-Artikolu 638 imbaghad jghid hekk:

***"(1) Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti.***

***(2) B'dan kollu, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar".***

Illi fil-kaz in ezami il-Qorti ghandha zewg verzjonijiet x'tanalizza u cioe` l-ewwel (1) wahda tal-parte civile illi l-imputat ikkommetta tali reat u t-tieni (2) wahda illi tipotizza li l-parte civile ivvintaw kollox ghal xi raguni jew ohra. Din il-Qorti ma temminx li forsi il-parte civile kienu indotti b'xi mod li ibiddlu l-verzjoni taghhom ghaliex kif qalet l-istess ufficjal prosekutur, l-investigazzjoni tant saret malajr illi ma kienx hemm zmien ghal inkwinament ta' provi.

Illi jekk wiehed jara l-verzjoni tal-parte civile a tempo vergine, dawn kollha gew l-ghassa ikkargati sabiex Dustin Bugeja jitressaq il-Qorti. Izda la gabu l-ebda

certifikat mediku u l-anqas stima ta' hsarat fuq il-karrozza sabiex jissostanzjaw il-kaz taghhom.

Inkonsistenza ohra kienet fil-fatt li meta Marlon Zarb gie mistoqsi mis-surgent u mill-Ispettur fi stadju ta' investigazzjoni huwa qal illi kien gharaf lill-imputat ghax kellu 'tatoo' fuq ghonqu u li kien jaf li skond il-'bail conditions' tieghu Dustin kellu jkun id-dar dak il-hin, mentri meta gie mistoqsi l-istess domandi bil-gurament huwa nnega li ra min kien fil-Pajero (anke fuq din kellu r-rizervi x'kienet ezatt il-karrozza) u l-anqas biss kien jaf il-kundizzjonijiet tal-'bail. Dan kollox juri li l-verzjoni tal-parte civile kienet orkestrata b'tali mod illi l-imputat ikollu l-inkwiet mal-pulizija izda mbaghad meta raw illi huwa seta' jehel il-habs, huma irrettrattaw il-verzjoni taghhom. Haga ohra li hija suspettuza hi li l-verzjoni taghhom kienet identika mill-bidu u meta irrettrattaw din xorta wahda baqghet identika. Dan juri li bil-fors kien hemm xi tip ta' ftehim bejniethom sabiex il-verzjoni taghhom tkun taqbel.

Illi ulterjorment, il-kaz tal-prosekuzzjoni ma kienx imsahhah bl-ebda prova cirkostanzjali kif jistipola l-artikolu 638 tal-Kap 9 bhal per ezempju:

- il-prova tal-hsara tal-karrozza tal-parte civile ma ngabitx;
- ma saritx komparazzjoni bejn iz-zewg (2) vetturi tal-parte civile u il-Pajero tal-imputat sabiex jigi verifikat jekk il-hsarat jikkombacjawx ma xulxin;
- ma ngabux xhieda li jixdu fuq min kien qed juza il-karrozza Pajero.

Dawn in-nuqqasijiet kollha, flimkien mar-ritrattazzjoni tal-parte civile, ghamlu l-kaz tal-prosekuzzjoni difficli hafna jekk mhux impossibbli u anke' jekk l-isforz tal-prosekuzzjoni sabiex issalva l-kaz kien kbir, pero' ma kienx sufficjenti sabiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest mill-ligi u tasal ghal fatt illi l-imputat kien li verament wettaq ir-reat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat, **Dustin Bugeja**, hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**